MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 378/2000/1

**Dr. Austin Bencini f'isem Parents
Foundation for Education**

**vs**

**l-Awtorita` ta' l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

1. Fl-20 ta' Ottubru 2000, il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ("il-Bord") ta s-segwenti decizjoni:

“Il-Bord,

Ra l-appellipprezentat fil-21 ta’ April, 1997 mill-Perit Victor Torpiano B.A. (Arch. Studies), B. Arch. (Hons.), A. & C.E. f’isem l-appellanti minn avviz biex tieqaf u ta’ twettiq mahrug mill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar datat 2 ta’ April, 1997 fil-konfront ta’ Dr. Austin Bencini, Chairman School Board, Parents Foundation for Education;

Sema’ lill-appellant, lill-Perit Victor Torpiano A. & C.E. u lill-Avukat Dottor Richard Camilleri LL.D.;

Sema’ lill-*Enforcement Officer* Paul John Farrugia u lis-*Senior Enforcement Officer* Joe Felice, ghall-Awtoita` ta’ l-Ippjanar;

Ikkunsidra;

Illi fl-avviz biex tieqaf u ta’ twettiq gie allegat illi l-appellant ghandu zvilupp mhux konformi mal-kundizzjonijiet f’drawing P34/794 tal-permess PA 3675/95 mahrug fid-19 ta’ Ottubru, 1995 f’sit f’Tal-Imselliet, Zebbiegh, limiti tal-Mosta.  Huwa nghata sittax-il gurnata sabiex iregga’ lura kollox ghall-istat originali tieghu;

Gie nfurmat li hemm applikazzjoni numru PA 1395/97 pendenti li hija ntiza sabiex tissana l-izvilupp kolpit fl-avviz biex tieqaf u ta’ twettiq;

In vista ta’ din id-dikjarazzjoni, il-Bord hu tal-fehma li sar zvilupp liema zvilupp jista’ jgi ssanat bl-approvazzjoni ta’ l-applikazzjoni numru PA 1397/97;

Ghal dawn il-motivi, il-Bord jichad l-appell, jikkonferma l-avviz biex tieqaf u ta’ twettiq u jordna li l-avviz ta’ twettiq ghandu jigi fis-sehh fi zmien sittax-il gurnata mid-data li fih tigi definittivament michuda l-applikazzjoni PA 1397/97.

**<u>II.  L-APPELL</u>**

2.  Minn din id-decizjoni gie intavolat appell quddiem dina l-Qorti fit-2 ta’ Novembru 2000 minn Dottor Austin Bencini

nomine. Ghar-ragunijiet spjegati fir-rikors ta' l-appell, huwa talab li dina l-Qorti joghogobha tannulla d-decizjoni imsemmija tal-Bord u taghti l-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa, inkluzi, jekk hemm bzonn, ordni li l-kaz jerga' jinstema' mill-Bord.

3. Bir-risposta taghha, l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ikkontestat l-appell. Pero`, b'nota pprezentata fl-udjenza tal-5 ta' Mejju 2003, l-istess Awtorita` irrilevat:
".... li l-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar ikkommetta zball meta rrifera ghall-applikazzjoni numru PA 1397/97 bhala applikazzjoni itiza "sabiex tissana l-izvilupp kolpit fl-avviz..."

Illi jirrizulta illi tali applikazzjoni, minkejja li tirreferi ghal zvilupp fuq l-istess sit, ma kienetx intiza biex tissana l-izvilupp kolpit fl-avviz in kwistjoni.

In vista ta' dan, l-Awtorita` appellata tissottometti illi l-Atti ta' l-Appell numru PAB 206/97 ghandhom jigu rinvjati lura quddiem il-Bord ta' l-Appelli biex l-istess appell jigi deciz skond il-ligi"

**III. KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

4. Irrizulta li l-appell in kwistjoni huwa appell minn avviz biex tieqaf u ta' twettiq numru 348/97 u l-appell rellattiv quddiem il-Bord gie registrat bin-numru 206/97E. Dana l-appell kien qed jinstema' ma' zewg appelli ohra, li fihom kienet involuta l-fondazzjoni appellanti, dwar meriti differenti. Dawn l-appelli kienu registrati bin-numri 204/97E u 120/97E.

5. Nonostante l-oppozizzjoni inizzjali ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, in-nota taghha prezentata fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2003, li giet riprodotta f'din is-sentenza, tindika li l-partijiet qieghdin jaqblu li d-decizjoni appellata tal-Bord hija nulla stante li giet bazata fuq provi jew konsiderazzjonijiet li ma kienux jirrigwardaw il-meritu tal-kaz odjern, izda kienu jirrigwardaw meritu ta' kaz iehor li kien qed jinstema' flimkien ma' dan il-kaz mill-Bord. Il-partijiet qabblu wkoll li biex dan l-izball, li evidentement origina minn zvista da parti tal-Bord, jista' jigi sanat minn

din il-Qorti, id-decizjoni appellata kellha tigi annullata u l-atti jigu rinvjati lill-Bord sabiex l-appell in kwistjoni jigi minnu deciz, skond il-ligi.

6. Ghal dawn il-motivi:-
In vista ta' dak li ntqal fil-paragrafu precedenti, thassar u tirrevoka d-decizjoni appellata tal-Bord, tpoggi lill-partijiet fl-istat ezatt li kienu fih qabel ma giet pronunzjata d-decizjoni appellata u tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-Bord biex jiddeciedi l-kaz skond il-ligi. L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------